# L-Għaxar Ħadd taż-Żmien ta’ Matul is-Sena

## Qari I

*Innissel mibegħda bejn nislek u bejn nisel il-mara.*

Ġen 3, 9-15

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

Wara li Adam kiel mis-siġra, 9il-Mulej Alla sejjaħ lil Adam u staqsieh:
«Fejn int?» 10U dak wieġeb: «Smajt ħossok fil-ġnien u bżajt għax jien
għeri, u nħbejt.» U staqsieh: 11«Min qallek li int għeri? Jaqaw kilt
mis-siġra li jien ordnajtlek li ma tikolx minnha?» 12U wieġeb Adam:
«Il-mara li inti tajtni għal miegħi, hi tatni mis-siġra, u jiena kilt.»
13U l-Mulej Alla qal lill-mara: «X’inhu dan li għamilt?» U l-mara
wieġbet: «Is-serp qarraq bija, u jien kilt.»

14U l-Mulej Alla qal lis-serp:
«Talli għamilt dan,
misħut int fost il-bhejjem kollha
u fost l-annimali selvaġġi!
Għal żaqqek titkaxkar,
u t-trab tal-art tiekol il-jiem kollha ta’ ħajtek.
15U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara,
bejn nislek u nisilha,
u hu jisħaqlek rasek
u int tisħaqlu għarqubu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 129 (130), 1-2.3-4ab.4ċ-6.7-8

R/. (7): Għand il-Mulej hemm it-tjieba, u l-fidwa għandu bil-kotra

1 Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej:
2 isma', Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa,
jiena u nitolbok bil-ħniena. R/.

3 Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej,
Sidi, min jista' jżomm sħiħ?
4 Imma għandek hemm il-maħfra,
biex hekk inqimuk fil-biża' tiegħek. R/.

5 Jien lill-Mulej nistenna,
ruħi f'kelmtu tittama.
6 Tistenna ruħi lil Sidi,
aktar milli l-għassiesa s-sebħ. R/.

7 Jistenna Iżrael lill-Mulej!
Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba,
u l-fidwa għandu bil-kotra.
8 Hu li jifdi lil Iżrael
minn ħtijietu kollha. R/.

# Qari II

*Emminna, u għalhekk tkellimna.*

2 Kor 4, 13 - 5, 1

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, [13]billi aħna għandna l-istess spirtu ta' fidi li fuqu hemm miktub:
«Emmint, u għalhekk tkellimt», aħna wkoll emminna, u għalhekk
tkellimna; [14]għax nafu li dak li qajjem lill-Mulej Ġesù, lilna wkoll
għad iqajjimna flimkien ma' Ġesù u jressaqna quddiemu flimkien
magħkom. [15]Għax dan kollu minħabba fikom, biex il-grazzja tilħaq
ħafna bnedmin oħra, u b'hekk jitkattar ir-radd ta' ħajr, għall-glorja ta'
Alla.

[16]Għalhekk ma naqtgħux qalbna, għax imqar jekk il-bniedem ta' barra
jitħassar, il-bniedem ta' ġewwa jiġġedded minn jum għal jum.
[17]Id-daqsxejn ta' tbatija tagħna ta' issa tħejjilna kobor ta' glorja bla
qjies għal dejjem; [18]lilna li ma nħarsux lejn il-ħwejjeġ li jidhru, iżda
lejn dawk li ma jidhrux. Dawk li jidhru huma għal żmien qasir, dawk
li ma jidhrux huma għal dejjem.

[5,1]Aħna nafu li jekk din it-tinda tal-għamara tagħna fl-art tiġġarraf,
aħna għandna dar oħra, maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta'
Alla, għal dejjem fis-sema.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 12, 31b-32

Hallelujah. R/. Hallelujah
Issa se jitkeċċa l-Prinċep ta' din id-dinja, jgħid il-Mulej;
u meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ix-xitan wasal fit-tmiem.*

Mk 3, 20-35

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F'dak iż-żmien, Ġesù, flimkien mad-dixxipli tiegħu, [20]mar id-dar, u
l-kotra reġgħet inġemgħet, hekk li anqas biss setgħu jieklu. [21]Qrabatu,
malli semgħu, ħarġu biex iżommuh, għax qalu li tilef moħħu.
[22]Il-kittieba li kienu niżlu minn Ġerusalemm bdew jgħidu: «Dan
għandu fih lil Begħelżebul u bis-saħħa tal-Prinċep tax-xjaten qiegħed
ikeċċihom ix-xjaten.»

[23]Hu sejħilhom lejh u beda jkellimhom bil-parabboli: «Kif jista'
x-Xitan ikeċċi x-Xitan? [24]Jekk saltna tinqasam fiha nfisha, dik is-saltna
ma tistax iżżomm wieqfa. [25]U jekk familja tinqasam fiha nfisha, dik
il-familja ma tistax iżżomm wieqfa. [26]Li kieku mela x-Xitan qam
kontra tiegħu nnifsu u nfired, ma kienx jista' jżomm sħiħ, imma jkun
wasal fit-tmiem. [27]Ħadd ma jista' jidħol fid-dar ta' wieħed qawwi u
jaħtaflu ġidu jekk qabel ma jkunx rabat lil dak il-qawwi; imbagħad
id-dar jaħtafhielu żgur.

[28]Tassew ngħidilkom, kollox jinħafrilhom lil ulied il-bniedem,
id-dnubiet u d-dagħa kollu li jidgħu. [29]Imma min jieqaf lill-Ispirtu
s-Santu ma jkollu qatt maħfra; jibqa' ħati għal dejjem.» [30]Għax kienu
qalu: «Għandu fih spirtu ħażin.»

[31]Darba ġew ommu u ħutu, baqgħu barra u bagħtu jsejħulu. [32]Dak
il-ħin kien hemm ħafna nies bilqiegħda madwaru, u qalulu: «Ara,
ommok u ħutek qegħdin hemm barra u jriduk.» [33]U hu weġibhom:
«Min huma ommi u ħuti?» [34]Imbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li
kien hemm madwaru bilqiegħda, u qal: «Dawn, ara, huma ommi
u ħuti. [35]Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u
ommi.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu